# MYSTERIUM CONJUNCTIONIS

*TA' V. J. GALEA*

Imtaqqal b'imħabbet dib Gubbio
u l-agħsafar
u x-xemx,
imkarkar minn imħabbtu hemm fl-għoli
terraq għal fuq il-Varna.

Waħam qabdu hemm fuq
biex mill-art jinqata'
u jingħaqad ma' Mħabbtu.

Fuq sitt iġwienaħ imwieżna,
minn ħamest egħjun tgelgel in-nirien,
Imħabbtu mis-sema bdiet nieżla.
f'dija li dawlet il-ħolqien.

Mill-art irtafa' r-Raheb,
minn ħamest egħjun itajjar in-nirien,
f'telfa ta' hena twaħħad ma' Mħabbtu
u dam hekk għal bosta żmien.

Leħħet il-berqa u damdmet ir-ragħda mad-dwar
u ħabbru li ż-żwieġ bejn Kristu u r-Raheb kien sar.